MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CHARMAINE GALEA**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2014

Numru. 57/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Martin Joseph Xuereb**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Martin Joseph Xuereb ta’ erbghin (40) sena, bin Anthony Joseph u Carmen Victoria nee’ Vella, imwieled l-Awstralja fit-12 ta’ Frar 1973, residenti fil-fond numru 5, Block numru 7, Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 509090(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda

1. Fil-lejl ta’ bejn it-12 ta’ Jannar 2014 u t-13 ta’ Jannar 2014 u fix-xhur ta’ qabel fi triq il-Biccerija, l-Marsa, ikkommetta serq ta’ ‘Fuel’ minn diversi ingeniji liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mezz u xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-dannu ta’ Lawrence Scicluna, Stephen Buhagiar u/jew persuni ohra.

2. Aktar talli fix-xahar ta’ Dicembru 2013 u fix-xhur ta’ qabel minn gewwa z-zona Indsutrijali ta’ Bulebel, mill-Marsa u f’ dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta’ ‘fuel’ minn diversi ingenji, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mezz u xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-dannu ta’ Pawlu Vella, l-kumpanija Ballut Blocks Ltd u/jew persuni ohra.

3. Aktar talli fix-xahar ta’ Jannar 2014 fix-xhur ta’ qabel minn gewwa z-zona industrijali maghrufa bhala Ta’ Maggi, gewwa Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta’ ‘fuel’ minn ingenji, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mezz u xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-dannu ta’ Carmel Galea, l-kumpanija Electronic Products Ltd u/ jew persuni ohra.

4. Ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara fuq il-vettura CBZ053 u TRF11, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda ma jeccedix l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u dan sar

ghad-dannu ta’ Dolores Cuschieri u/jew persuni ohra ta’ Carmel Galea, l-kumpanija Electronic Products Ltd u/ jew persuni ohra.

.

5. Aktar talli fix-xahar ta’ Dicembru 2013 u xhur precendenti minn gewwa triq San Edwardu Rahal Gdid, minn Albert Town, il-Marsa, miz-zona industrijali tal-Mosta u mic-Cirkewwa ikkommetta serq ta’ ‘fuel’ minn ingenji, liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bil-valur li ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin Euro u, mezz u xorta tal-haga misruqa liema serq sar ghad-dannu ta’ persuni u/jew entitajiet mhux maghrufa.

6. Ukoll talli fit-12 ta’ Jannar 2014 ghal habta ta’ l-ghaxra neqsin ghoxrin ta’ fil-ghaxija (21:40hrs) u xhur precedenti, gewwa il-Qasam Industrijali ta’ Kordin, f’ Rahal Gdid u f’ dawn il-gzejjer xjentement laqa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema ogetti huwa ‘fuel’ li l-valur tieghu jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) li sar ghal detriment ta’ Lawrence Scicluna, Stephen Buhagiar, Carmel Galea, Pawlu Vella u/jew persuni ohra u’jew entitajiet ohra.

7. Ukoll talli fit-12 ta’ Jannar 2014 ghal habta ta’ l-ghaxra neqsin ghoxrin ta’ fil-ghaxija (21:40hrs), gewwa il-Qasam Industrijali ta’ Kordin, f’ Rahal Gdid, saq vettura tal-ghamla Nissan bin-numru tar-registrazzjoni EAZ563 minghajr ma kellha licenzja biex tkun tista tinstaq fit-triq u minghajr ma’ kienet koperta b’ polza tal-assikurazzjoni.

8. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta’ ordni ta’ probation moghtija mill-qorti mill-magistrat, Dr. C. Galea LLD ai termini ta’ Kap 446 art. 7 datata fi 13 ta’ Dicembru 2013.

9. Ukoll talli naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat, Dr. J. Demicoli LL.D. b’digriiet datat 27 ta’ Settembru 2013, li

permezz tieghu huwa nghata il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat u tordna l-arrest mill-gdid ta' Martin Joseph Xuereb. Kif ukoll tordna li l-garanzija personali ta' €5000, li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. B' hekk irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat Martin Joseph Xuereb, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li minnbarra il-piena skond il-ligi tordna il-konfiska tal-*corpus delicti*, f'dan il-kaz il-vettura Nissan bin-numru tar-registrazzjoni EAZ563 li serviet jew li kien mahsub li serviet sabiex isir id-delitt, u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba mill-prosekuzzjoni li minbarra l-piena skond il-ligi tinghata sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ta' Martin Joseph Xuereb ghal zmien li jidrilha xieraq din il-Qorti.

Rat illi waqt l-udjenza tal-lum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tiehu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ppruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali refrettarja tieghu, il-kollaborazzjoni mal-Pulizija u li sahansitra kixef reati li l-Pulizija ma kinux jafu bihom. Madankollu, il-Qorti tosserva li l-imputat inghata diversi opportunitajiet biex jirrabilita lilu nnifsu imma jidher li l-imputat m'gharafx jiehu dawn l-opportunitajiet u sahansitra rega' kkommetta reati identici ghal dawk li nstab hati taghhom precedentement, anke minn din il-Qorti kif presjeduta. Illi ghalhekk din il-Qorti bil-fors se jkollha timponi piena karcerarja effettiva u se titratta mal-imputat ghar-reati li taghhom instab hati u tpogga taht ordni ta' probation fit-13 ta' Dicembru 2013.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 23, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 289, 325(b), 334, 579(3) tal- Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta; Artikolu 3(1)(1A)(2)(2A(2B)) tal-Kap 104 u Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Martin Joseph Xuereb** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' tlett (3) snin prigunerija. In oltre, u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 23 tal-Kap 446 il-Qorti qed taghzel li titratta ma' l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta datata 13 ta' Dicembru 2013, liema sentenza giet esebita bhala Dok JV4, u ta' dawk ir-reati tikkundannah ghall-piena ta' seba' (7) xhur prigunerija ohra. B'hekk il-piena karcerarja komplessiva li ghaliha qed jigi kundannat l-imputat hija ta' **tlett (3) snin u seba' (7) xhur.**

Il-Qorti qieghdha wkoll tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew li jikseb licenja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar mid-data li fiha jiskonta l-piena karcerarja inflitta permezz ta’ din is-sentenza.

In oltre, l-Qorti qieghdha wkoll tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat  27 ta’ Settembru 2013 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imputat pero taghzel li ma tikkonfiskax favur il-Gvern ta’ Malta il-garanzija personali ai termini tal-istess digriet.  Il-Qorti qed tastjeni wkoll milli tikkonfiska l-vettura tal-ghamla Nissan bin-numru ta’ registrazzjoni EAZ 563 stante li l-Prosekuzzjoni iddikjarat seduta stante li mhux qed tinsisti fuq tali konfiska.

Il-Qorti qed tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni  sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez relatati mal-hatra ta’ esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li ma rrizulta li ma kien hemm l-ebda spejjez ta’ esperti.

Fl-ahharnett, il-Qorti qieghdha tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva biex l-imputat jinghata l-opportunita` li jaghmel programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga kif del resto wera x-xewqa li jaghmel l-istess imputat.

Il-Qorti tordna li ai termini ta’ l-Artikolu 392A (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dan il-procediment u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------